**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju, 2002

**Numru 26**

**Avviz. numru 447/02JR**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera SIAT kif surrogati fid-drittijiet ta' Alex Polidano**

**vs**

**Salvatore Tabone**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fil-25 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm381.47), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut kien responsabbli ghall-habta bejn karrozzi DBH-314 u ABF-198 li grat fl-24 ta' Dicembru, 2001, u ghalhekk ghandu jigi kkundannat ihallas tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm381.47) danni sofferti mis-socjeta` attrici kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Alex Polidano;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta' Marzu, 2002, fejn intqal:**

**Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Alex Polidano huwa eccessiv stante li d-danni kagunati kienu *de minimis* kif ser jirrizulta ahjar waqt il-mori tal-kawza;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Muscat u Salvatore Tabone. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda talba ghad-danni rezultanti minn kollizzjoni bejn il-vettura DBH-314 ta' l-attur u l-vettura ABF-198 tal-konvenut. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-punt ta' responsabilita`, izda biss**

**dwar l-ammont tad-danni, in kwantu l-attur bidel bieba, filwaqt li l-konvenut qed jghid li dan ma kienx mehtieg.**

2. **Skond is-surveyor Joseph Muscat, il-karozza ta' l-attur kienet relattivament gdida, lanqas ma kienet ila sena fuq it-triq, u kellha biss 10,163km, u ghalhekk hu deherlu li fic-cirkostanzi l-bieba kellha tinbidel.**
3. **Issa fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-vettura kienet ghada relattivament gdida, filwaqt li mghandhomx isiru spejjez esagerati, mill-lat l-iehor l-attur ghandu kull dritt li jerga' jkollu l-karozza fl-istat li kienet qabel l-incident. Jigi rilevat ukoll li dak li sar kien skond il-parir tas-surveyor, li minn natura tad-danni, u tenut kont tal-fatt li l-vettura kienet kwazi gdida, dehrlu li l-bieba kella tinbidel. Mil-lat l-iehor kif inghad il-bieba kienet kwazi gdida izda mhux gdida, u ghalhekk minn dan l-aspett it-Tribunal ihoss li ghandu jimmitiga ftit dwar id-danni. Il-bieba gdida tigi tiswa' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm381.47), u fir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi qed jillimita l-ammont fis-somma ta' tlett mitt Lira Maltija.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata kif inghad, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mitt Lira Maltija u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta', inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**